MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Numru 260/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**Vs**

Saviour Gauci

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Saviour Gauci ta' karta ta' identita' numru 13160(M), akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn l-21 u t-22 ta' Marzu, 2005, fl-Armier, limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn 'boat houses' ghad-dannu ta' Anna Grima, Francis Grima, Edwin Buttigieg, Marius Cauchi, Ninu Borg, John Mary Bezzina, Anthony Caruana, Charles Joseph Caruana, Carmelo Caruana, Antonio Caruana u Saviour Vella, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira izda ma tiskorrix il-hames mitt lira;

3. u aktar talli fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Frar, 2005, fl-Armier, limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq t’oggetti u cioe’ ornamenti tad-dar minn Anna Farmhouse li tinsab fi Triq ir-Ramla tal-Bir, fil-Mellieha ghad-dannu ta’ Nazzareno Grima, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-mezz;

4. u aktar talli fit-22 ta’ Marzu, 2005 u/jew fil-jiem ta’ qabel, xjentement xtara u/jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun iddahhal f’dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccediex l-elf lira Maltin;

5. u aktar talli sar recediv ai termini t’Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija minn Magistrati differenti li huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Saret it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 279, 280, 325(b), 49, 50, 289(1), 31 u 17 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Ikkunsidrat il-fedina penali.

Ikkunsidrat ukoll illi l-imputat jinsab rekoverat fl-Isptar Monte Karmeli stante l-problema psikicu li hu huwa effetwat biha.

Billi dan il-fatt ta’ sahha mentali tal-imputat jirrizulta fic-car tiddecidi li tpoggih taht ordni ta’ probation bl-applikazzjoni

tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum. Tordna pero' li l-imputat jinzamm fl-Isptar Monte Karmeli biex jinghata l-kura kollha necessarja dan dejjem fid-deskrizzjoni tal-Kunsulent/Tabib Psikjatra Joseph Spiteri. Tordna fl-ahharnett bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 il-konfiska tal-vettura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------